# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru mija u tlieta (103) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet fis-6:30pm nhar it-Tlieta, 7 ta' Awwissu, 2012, fil-Bini Muniċipali.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku, Noel Galea ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda bħala moqrija wara li dawn kienu iċċirkulati mis-segretarju eżekuttiv lill-kunsillieri aktar kmieni permezz ta' *e-mail*. Dawn kienu emendati, approvati u ffirmati bl-emendi li jidhru fuq il-kopja oriġinali u inizjalati mis-sindku u mis-segretarju eżekuttiv.

3. Noel Galea ċempel lil Charles Farrugia u dan infurmah illi ma jistax jattendi u talab li jkun skużat kif fil-fatt kien.

PUNTI MILL-MINUTI:

4. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi l-Kuntrattur *Dimbros Co Ltd* għamel oġġezzjoni formali mal-KLM għall-għoti tal-kuntratt tal-knis u t-tindif tat-toroq lis-Sur Joseph Zammit.

5. Is-sindku informa lill-kunsillieri illi propju llum tlestew ix-xogħlijiet ta' kisi mill-ġdid tat-toroq mill-kuntrattur tal-KLM, *Asfaltar Ltd* ta' Triq is-Saljatura. Hu qal li issa fadal biss għall-għoti bit-tarmak dik il-parti fejn il-ġnien tal-Mentna, propju fil-post fejn inagħtajna l-ordni mis-Sovratendenza għall-Patrimonju Kulturali, li jitgħattew l-oqbra li nstabu mill-KLM permezz ta' saqaf ħalli tkun preservata din is-sejba qabel ma jingħata wiċċ fit-triq.

6. Nicholas Briffa, dwar dan il-proġett tal-Unjoni Ewropeja, qal li dan qed idum wisq u n-nies qed igergru minħabba t-trabijiet. Noel Galea qal li dan beda f'Jannar, 2012 u tlifna ħames ġimgħat minħabba l-katakombi. Is-sindku kompla billi issuġġerixxa lill-kunsillieri illi jekk irridu nistgħu niltaqgħu mal-Perit Bezzina biex naraw minn fejn ġej dan id-dewmien kollu. Is-sindku kompla billi ssuġġerixxa li l-laqgħa li ġejja tkun mal-perit ukoll u ser ninfurmawh permezz ta' ittra.

7. Intant Nicholas Briffa qal li biċċa mix-xogħol qed tidher li qed nagħmluha aħna flok *Transport Malta*, mentri din fil-verità tidher li tinsab fi triq arterja li minnha hu responsabbli l-gvern ċentrali. Hawn is-sindku wieġeb li dan il-proġett aħna qed nagħmluh u għalkemm il-gvern u *Transport Malta* infurmati, dawn żgur ma kellhomx flus direttament għalina, jistennewna nitolbuhom. Però s-sindku kompla li qed jagħmel kull sforz sabiex nottjenu aktar għajnuna finanzjarja li sservi għal toroq madwar il-proġett.

8. B'riferenza għall-*e-mails* li kienu ċirkulati bejn il-laqgħa li għaddiet u propju din tal-lum, biex jinqala' arblu li fih kienu mwaħħla *cables* tal-*GO plc*, is-sindku qal li ħadna ġimgħa u nofs biex ittieħdet deċiżjoni fuq ftit *wires*. Intant issa wasalna biex *GO plc* se jħallsu nofs l-ispiża huma.

9. Hawn Nicholas Briffa qal li kieku l-KLM ma kienx iebes ma' *Transport Malta*, l-istess KLM kien se jibla' l-ispejjeż taċ-ċaqlieq tal-i*stage* tal-Mentna minn post għall-ieħor intortament għax dawn dehrilhom li jaqbdu u jdawwru r-rotta tat-trasport pubbliku mingħajr konsultazzjoni magħna. Is-sindku wieġeb li għalhekk komplejna ninsistu anke wara li ddeċidejna li f'każ ieħor jitneħħa xorta.

10. Nicholas Briffa kompla dwar dan il-proġett billi qal illi l-bankina bil-*porfido* fl-istess inħawi ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti, taqta' u dehret kerha. Hu qal biex jekk jibqa' l-fondi l-KLM jikkunsidra illi jestendi l-bankini bl-istess materjal tal-*porfido*. Filwaqt li s-sindku jaqbel

perfettament, wieġeb li s'issa sar skont is-*submission*. Jekk jifdal flus, dawn jintefqu fil-kumplament tal-madwar.

11. Is-segretarju eżekuttiv qal li fl-opinjoni tiegħu mhux se jibqa' fondi għal dan ġaladarba kien sar prezz orħos fl-applikazzjoni tal-Unjoni Ewropeja u l-istimi tal-istampar tal-*brochure* u dik tal-kostruzzjoni tal-*web-site*, dejjem dwar l-istess *Heritage Trail*, kienu baxxi u l-Aġenzija tal-Pagamenti tatna ċans illi nieħdu fondi mil-*line item* tal-kostruzzjoni u jiġu mgħoddija fuq il-*line items* tal-istess *website* u l-*brochure*. Intant, is-segretarju eżekuttiv fetaħ għajnejn dawk preżenti illi x-xogħol addizzjonali tal-kuntrattur biex ħallas hu minn butu, biex rappreżentant tas-Sovratendenza Patrimonju Kulturali jiġu jħammlu l-istess oqbra bil-pala u l-pinzell u l-istess saqaf innifsu li sal-lum minkejja li beda jiġi kostrutt, għad lanqas għandna *bills of quantities* tiegħu, finalment se jkun qed jitħallsu wkoll mill-fondi tal-proġett.

12. Dwar id-dewmien żejjed, peress li l-proġett ta' kostruzzjoni suppost tlesta, is-sindku qal li l-ewwel inħela ħafna ħin minħabba s-saqaf tal-bir għaliex ħadd ma kien jaf li hu s-saqaf tal-bir minkejja li l-bir kien viżibbli iżda riedu jiċċertifikawh, imbgħad sibna t-toqob tas-siġar imħaffrin fil-blat fl-istess ġnien li wkoll riedu jiċċertifikaw li ma fihomx valur arkeoloġiku. Dan kollu wassal biex kien hemm dewmien li ma kienx previst. Is-sindku qal li l-aħħar kedda ħadniha mas-Sur Robert Naudi mill-Aġenzija tal-Pagamenti. F'laqgħa li kellna miegħu dan l-aħħar instab li fil-*file* tagħhom ma kellhomx il-pjanti approvati minn *Transport Malta* kif emendati mill-*MEPA* lura fl-2009, fejn l-istess *roundabout* issa kienet ittundjata flok tibqa' waħda ovali.

13. Għall-mistoqsija ta' Nicholas Briffa dwar jekk il-flus għat-tarmak hux se joħorpu minn *Transport Malta*, Noel Galea qal li s'issa għad m'għandniex din l-approvazzjoni, għaliex *Transport Malta* ma kienux involuti mill-bidu li dawn jagħtu t-tarmak fejn se titressaq ir-*roundabout*. Is-sindku sostna illi jekk din l-ispiża ma tkunx koperta minnhom, din il-parti tibqa' bil-*patching*.

14. Nicholas Briffa qal li tkun "*disgrace*" jekk hemm dawn il-finanzi kollha f'idejna u fi proġett bħal dan ikun hemm *over-runs*. Noel Galea qal li għal kull ħaġa qed ikejjel il-Perit A Bezzina biex niġu 'pari passu' mal-*budget*. Intant, is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex jitlob laqgħa mal-Perit Bezzina fil-laqgħa tal-KLM li se ssir bħal-lum tliet ġimgħat (28.8.12), għaliex ħmistax oħra hu se jkun imsiefer sabiex dan iġibilna l-aħħar kontijiet, ħalli l-KLM ikun jaf x'saru spejjeż, x'sar bħala xogħol. Is-sindku kompla li dwar il-baġit, għamilha ċara kemm-il darba mal-Perit Bezzina li qed jieħu ħsieb il-proġett sabiex jissorvelja kull spiża u li nibqgħu '*within budget*'. Qal ukoll u enfasizza mal-perit quddiem il-kunsillieri meta kellna l-laqgħa miegħu fl-uffiċċju, li l-kunsill m'għandu lanqas ewro wieħed *extra* biex tagħmel tajjeb fuq il-proġett.

15. Noel Galea irrefera għax-xogħlijiet li jinħtieġ li jsiru f'manutenzjoni fi Triq tas-Sejba. Nicholas Briffa qal illi wara li saru l-*pilot holes* f'Tas-Sejba, *Transport Malta* qed itawlu wisq u jibża' li jsir aċċident kif previst f'ittra li kienet indikata lilna fil-laqgħa/t li għaddew minn Paul Spiteri fil-gazzetta 'Illum'. Nicholas Briffa qal li nistgħu nagħmlu indikazzjoni b'sinjal jew tabella biex is-sewwieqa joqgħodu aktar attenti. Is-sindku qabel perfettament u ser jieħu ħsieb sabiex isiru indikazzjonijiet tajbin u jkompli jinsisti ma' *TM.*

16. Is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex iċempel lill-*Control Room* tal-*Arriva* biex ifakkarhom fl-ittra li kien bagħat il-KLM dwar id-devjazzjonijiet tar-rotot tat-trasport pubbliku peress li l-istess toroq, minn għada se jkunu magħluqin minħabba armar tal-logħob tan-nar tal-art fil-festa ta' Santa Marija. Noel Galea fakkar ukoll lill-kunsillieri biex jattendu għall-invit tal-programm strumentali/vokali tal-Ġimgħa, 10 ta' Awissu, 2012 fil-Pjazza tal-Knisja.

17. Dwar l-aħħar laqgħa li kellhom is-sindku u s-segretarju eżekuttiv mal-Kumpanija *Greenpak* kif ukoll mal-Kuntrattur Joseph Zammit u s-sindku ta' Ħal Safi, is-segretarju eżekuttiv ta informazzjoni li kkompilawha *Greenpak* dwar tfigħ ta' skart organiku fil-faċilità ta' Sant'Antnin. Il-Kunsilli Lokali ta' Ħal Safi u l-Imqabba kellhom l-istess kliem ta' tifħir għaliex jidher ċar illi l-fatt li nqata' l-ġbir tal-iskart organiku nhar ta' Tlieta, intlaqa' tajjeb mir-residenti tagħna. Madankollu minn *graph* ikkrejata minn *Greenpak* jidher ukoll ċar illi l-*peaks* huma t-Tnejn u speċjalment issa nhar ta' Erbgħa. Probabilment dan għaliex il-familji tagħna qiegħdin finalment jikkunsmaw iżjed matul il-

ġimgħa milli fi tmiem il-ġimgħa (*weekends*). Ir-raġuni li ġab il-kuntrattur kien illi l-iskart ikun iġġenerat matul il-ġimgħa kollha u hu qed jiġbor l-istess ammont mifrux issa fuq ħamest ijiem milli fuq sitta. Is-sindku qal ukoll illi l-istampa turi illi r-riciklaġġ qed jiżdied. Hu sostna madankollu illi jitneħħew il-*bring in sites* ta' fejn il-*BOV* fi Triq il-Madonna tal-Ġilju, u titpoġġa xi mkien ieħor dik ta' fejn iċ-ċimiterju fi Triq Ħal Kirkop peress li qed jintużaw bħala depożiti ta' skart ieħor b'detriment għan-nies li jgħixu fl-inħawi.

18. Grace Maria Mallia talbet spjega ta' x'inhi l-ġustifikazzjoni tax-xogħol *full time* flok *part-time* ta' Mersia Mackay. Noel Galea qal li dan is-suġġett diġà kien deċiż fil-laqgħa preċedenti. Għall-mistoqsija tas-sindku jekk is-segretarju eżekuttiv għamilx it-talba biex l-istess Mersia Mackay tidħol *full time*, hu qal li kif ikunu approvati dawn il-minuti se ninfurmaw lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

AĠENDA:

19. Dwar il-permess ta' ħames sulari fi Triq San Innoċenzju PA0545/06, is-sindku nforma lill-kunsillieri li xi persuni avviċinawh li se jibda l-bini għaliex min se jiżviluppaha qed jitlob li jitneħħa arblu tad-dawl mill-entratura. Il-kunsillieri rreferew għal-laqgħa li kellhom lura fl-2009 fejn persuna kienet iltaqgħet mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba għaliex kienet qed toġġezzjona għal dan l-iżvilupp massiv fil-qalba tar-raħal minkejja li intqal illi mhux fl-*Urban Conservation Area (UCA).* Is-sindku qal illi kif appena se naraw il-bini tiela', kulħadd se jitkellem (joġġezzjona). Nicholas Briffa qal illi oriġinalment il-binja kienet se tkun ta' tliet sulari. Hawn is-sindku qal li fil-permess applikat fl-2006, juri l-binja kif proposta, *cioè* b'ħames sulari. Dwar dan il-każ is-segretarju eżekuttiv kien mitlub isib il-minuti tal-laqgħa disgħa u tletin tal-24 ta' Novembru, 2009, minkejja li jidher li kienu saru xi minuti tal-laqgħa riferuta hawn fuq apparti.

20. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 443.

PUNTI OĦRA:

21. Is-Sindku rrefera għall-konferenza stampa li saret fuq il-Mentna nhar l-4 ta' Awwissu, 2012 dwar il-proġett pilota li kien mitmum fir-raħal tagħna. Għal din il-konferenza kienu preżenti is-sindku, Paul Spiteri u s-segretarju eżekuttiv minkejja li l-kunsillieri kollha kienu avżati.. Noel Galea qal illi kien mistieden il-prim ministru li ma setax jattendi iżda li minn floku attenda l-Onor Chris Said.

22. Is-sindku rrefera wkoll għall-iskema *egov4u.* Hu qal li attenda għall-preżentazzjoni u se jitwaħħal *monitor* fuq *stand* bi *plug* għas-servizz tal-*internet* u dan se jkun *touch screen.* Noel Galea qal li dan hu proġett tal-gvern ċentrali u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn jiswa €5,000 li ġiet mgħoddija lilna mill-gvern sabiex inkopruha kollha.

23. Il-laqgħa ntemmet fid-9:00pm u wara l-KLM offra *drink* lill-kumitat tal-festa tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello** | *u approvati llum* | **Noel Galea** |
| | **Segretarju Eżekuttiv** | *____/ 08/ 2012 minn:* | **Sindku** |